

Brussell, 17 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13319/17

COSI 228
JAI 925

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Ottubru 2017
lil:	Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.	12650/17
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ottubru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, adottati mill-Kunsill fit-3564 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ottubru 2017.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL
DWAR IR-RIEŻAMI TA' NOFS IT-TERMINU TAL-ISTRATEĠIJA TA' SIGURTÀ
INTERNA MĠEDDA GĦALL-UNJONI EWROPEA 2015-2020**

FILWAQT LI JIRREFERI għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020¹, li jipprevedu rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrateġija mġedda, li għandu jitwettaq f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, u, fejn adatt, bl-involvement tal-atturi rilevanti bħas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-aġenziji tal-ĠAI,

FILWAQT LI JIEĦU KONT tal-prijoritajiet identifikati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 u FILWAQT LI JAFFERMA l-importanza kontinwa tal-isforzi konġunti tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità,

FILWAQT LI JINNOTA li, minbarra l-prijoritajiet u l-miżuri diġà identifikati, l-isfidi dejjem jikbru quddiemna jeħtieġu attenzjoni mġedda sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' kriminalità transfruntiera u fil-prosekuzzjoni tat-trasgressuri,

FILWAQT LI JAGĦRAF l-importanza tar-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna li għiet enfasizzata fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà², l-Istrateġija Globali tal-UE³ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu⁴ u għalhekk FILWAQT LI JAPPELLA għal impenn preventiv kontinwu ma' pajjiżi terzi, speċjalment il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, il-Lvant Nofsani u r-reġjun tal-Afrika ta' Fuq (MENA) u l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, sabiex jiġi indirizzati l-kawżi sottostanti tal-kwistjonijiet ta' sigurtà u jiġi massimizzat il-valur miżjud tad-djalogi eżistenti ma' pajjiżi terzi dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu/is-Sigurtà, u l-ħidma tal-Esperti Kontra t-Terroriżmu/tas-Sigurtà,

¹ 9798/15

² COM(2015) 185

³ <https://europa.eu/globalstrategy/en/global-strategy-foreign-and-security-policy-european-union>

⁴ 10384/17

FILWAQT LI JAGĦRAF li l-attakki terroristiċi fl-Ewropa fl-aħħar sentejn juru li t-terroriżmu mhuwiex biss theddida għall-ħajja taċ-ċittadini tagħna, iżda wkoll attakk fuq il-valuri sisien Ewropej u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem,

FILWAQT LI JENFASSIŻA li l-kompitu ewlieni tal-Gvernijiet tagħna huwa s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna u FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li l-internet qatt ma għandu jkun spazju sikur għall-kriminali u t-terroristi biex iwettqu reati kriminali li jmorru lil hinn mill-ambitu tal-liġi,

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-riżultati tal-Valutazzjoni Komprensiva tal-Politika tal-UE dwar is-Sigurtà, imwettqa mill-Kummissjoni, li tirrifletti t-tliet prioritajiet tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà u tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 u FILWAQT LI JINDIRIZZA t-tħassib rifless fil-Valutazzjoni Komprensiva rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni sħiħa u effettiva, li jista' jillimita l-impatt pożittiv tal-istrumenti eżistenti, b'referenza partikolari għal:

- lakuni fl-użu tas-sistemi ta' informazzjoni u l-bażijiet ta' data tal-UE u fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni,
- il-ħtieġa għal rispons komprensiv fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, li jgħaqqad qafas imtejjeb għall-kriminalizzazzjoni ma' miżuri dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u skambju aktar effiċjenti ta' informazzjoni dwar reati terroristiċi,
- l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-proċeduri ta' investigazzjoni finanzjarja fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu,
- l-ambitu għal aktar żvilupp rigward il-ħasil tal-flus, l-irkupru tal-assi u l-kriminalità finanzjarja,
- l-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-kriminalità organizzata, li teħtieġ approċċ orizzontali u komprensiv, aktar milli direzzjoni diverġenti li tiffoka fuq tipi speċifiċi ta' kriminalità,
- it-tisħiħ tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, speċjalment f'termini ta' aċċess transfruntier għall-evidenza, kooperazzjoni ma' atturi privati, stampa aktar kompleta tal-intelligence kriminali dwar it-theddid u koordinazzjoni akbar fost l-atturi rilevanti kollha,

FILWAQT LI JIRRIAFFERMA r-rwol ċentrali tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, kif issottolinjat fin-nota dwar ir-rwol futur tal-COSI⁵,

WAQT LI JISĦAQ fuq ir-rwol importanti taċ-ċiklu ta' politika tal-UE għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali serja u organizzata għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni operazzjonali u b'hekk biex jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020 u jiżgura wkoll approċċ proattiv u mmexxi mill-intelligence kriminali f'dan ir-rigward,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu rispettati u promossi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji, kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan l-Unjoni Ewropea u fil-ħidma kollha mwettqa biex jinholq u jiġi sostnut spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza kruċjali li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn ir-rekwiżiti tal-politika ta' sigurtà interna tal-UE u l-ħtieġa li tiġi ggarantita l-osservanza sħiħa dad-drittijiet fundamentali, inkluż dawk relatati mal-privatezza, il-protezzjoni tad-data personali, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni u l-prinċipji tan-neċessità, il-proporzjonalità u l-legalità,

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tal-kontributi tal-Parlament Ewropew għall-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE li tirrifletti aġenda kondiviża għall-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew,

⁵ 8900/17

IL-KUNSILL,

JINNOTA l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni ta' Sigurtà⁶, li tappella biex jiġu attivati għodod legali u prattiċi li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jindirizzaw sfidi komuni relatati mal-lakuni li fadal, il-frammentazzjoni u l-limitazzjonijiet operazzjonali tal-għodod fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni, biex l-istrutturi għall-kooperazzjoni jsiru effettivi kemm jista' jkun, u biex ikun żgurat li l-leġislazzjoni Ewropea għall-indirizzar tal-attivitajiet ta' terroristi u kriminali tkun aġġornata u robusta,

JENFASIZZA l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem biex jitjieb l-iskambju ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE⁷ u JENFASIZZA l-ħtieġa li jinkisbu aktar simplifikazzjoni, konsistenza, effettività u attenzjoni għall-ħtiġijiet operazzjonali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-diversi bażijiet ta' data fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni,

JIEĦU KONT tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, li jappellaw għal koerenza u konsistenza mal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu⁸ u jissottolinjaw li wieħed għandu jsegwi approċċ rapidu u flessibbli mmexxi mill-intelligence, li jippermetti lill-Unjoni Ewropea tirreaġixxi b'mod komprensiv u koordinat għal theddid emerġenti, inkluż theddid ibridu,

IQIS li huwa importanti li fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020, jiġi adottat approċċ aktar analitiku u simplifikat kemm għall-ipprogrammar kif ukoll għar-rappurtar,

⁶ COM(2016) 230 final, 20 ta' April 2016

⁷ 10151/17

⁸ JOIN(2016) 18 final, 6 ta' April 2016

JIDENTIFIKA l-oqsma ta' prijorità li ġejjin bħala li jistħoqqilhom azzjoni koordinata u b'saħħitha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità, li kienu nnotati bħala prijoritajiet fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea 2015-2020:

- skambju ta' informazzjoni u interoperabbiltà bejn diversi bażijiet ta' data fil-qasam tal-Ġustizzja u Affarjiet Interni, inkluż simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' aċċess għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew oħrajn rilevanti, bħala elementi kruċjali biex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata,
- it-tisħiħ tal-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità billi tiġi analizzata regolarment l-istampa tat-theddid kif ukoll in-natura li tevolvi tal-kriminalità bl-użu tal-internet, u billi jiġu aġġustati l-għodod ta' politika kif xieraq b'attenzjoni fuq il-prevenzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali mtejba,
- l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' għodod investigattivi effettivi, li jikkorrispondu mal-era diġitali u li jirrispondu mal-isfidi li jevolvu tal-Governanza tal-Internet, b'mod partikolari billi:
 - jiġi żgurat l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika permezz tas-setgħat investigattivi online xierqa,
 - jiġi indirizzat ir-rwol tal-kriptaġġ f'investigazzjonijiet kriminali u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni relatata fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, inkluż ma' sħab ta' fiduċja barra mill-UE, biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali fir-rigward tal-abbuż tas-servizzi kriptati minn tarf sa tarf u jiġi żgurat approċċ konsistenti meta jiġu involuti l-fornituri tas-servizzi u l-manifatturi tal-apparati,
 - tiġi indirizzata, soġġett għal salvagwardji xierqa, id-disponibbiltà tad-data; u li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċessaw dik id-data għal finijiet investigattivi, soġġett għal sorveljanza effettiva,

- titjib ulterjuri fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja, il-ħasil tal-flus u l-faċilitazzjoni tal-irkupru tal-assi, billi tiġi appoġġata kooperazzjoni Prattika Effettiva bejn l-Istati Membri, u tiġi inkoraġġita l-ħidma fi sħubija bejn l-Istati Membri u s-settur privat,
- l-indirizzar tal-kwistjonijiet imqajma mir-radikalizzazzjoni, inkluż online,
- reżiljenza akbar tal-UE f'oqsma bħalma huma l-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi,
- tisħiħ ulterjuri tar-rabtiet bejn il-politiki ta' sigurtà interna u dik esterna sabiex isir progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali u ta' Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, speċjalment il-Balkani tal-Punent, it-Turkija, ir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Affrikata' Sħubija tal-Lvant, fir-rigward ta' tħassib komuni dwar is-sigurtà u t-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni ma' daww il-pajjiżi. Din il-kooperazzjoni tkun tinvolvi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tat-tixrid tal-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni; il-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata transnazzjonali inkluż il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, armi u oġġetti kif ukoll il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u l-indirizzar ta' theddid ibridu,

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI biex:

- jikkoordinaw mill-qrib bejn l-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill u tal-UE u jfasslu programm konġunt ta' tliet Presidenzi dwar l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna,
- jiżguraw implimentazzjoni xierqa tal-istrumenti legiſlattivi u ta' politika ppjanati u eżistenti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-Unjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u fejn rilevanti mal-Aġenziji ĠAI,

JAGĦTI STRUZZJONIJIET LILL-COSI biex:

- jaħdem mill-qrib mal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), il-Kumitat ta' Koordinament fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (CATS) u kumitati u gruppi ta' ħidma rilevanti oħra tal-Kunsill fl-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni rigward il-prijoritajiet tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE,
- jipprovdi rakkomandazzjonijiet u gwida dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu dwar suġġetti speċifiċi billi jinkariga lill-gruppi ta' ħidma biex iħejju jew isegwu kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi fil-COSI meta tiġi implimentata l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE u jipprovdi lill-COSI b'għażliet għal aktar konsiderazzjoni,
- jissorvelja d-Dokument ta' Implimentazzjoni konġunt tal-Presidenza li tispiċċa u ta' dik li jkun imiss, bi struttura bbażata fuq il-prijoritajiet, fuq l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna mġedda għall-UE.
